7 ta' Gunju, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Emmanuele Delia *versus* Dr. Edoardo Cutajar, M.D.

**Mandat ta' Żgumbrament — Board tal-Kera — Spejjeż — Kanonizzazzjoni — Kompetenza — Sentenza — Eżekuzzjoni — Taxxa — Ipoteka Ġudizzjali.**

*Għandha ssir distinzjoni bejn dawk l-ispejjeż li huma deċiżi bħala wieħed mill-kapi tad-deċiżjoni u l-ispejjeż susegwenti ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza; għax l-ewwel xorta ta' spejjeż huma parti middeċiżjoni eżegwibili ma' l-istess sentenza (meta jkun hemm il-kundanna għall-ħlas tagħhom), u għalihom tista' toħroġ l-ipoteka ġudizzjali bħal ma toħroġ għall-meritu kanonizzat, mentri t-tieni xorta ta' spejjeż ma humiex eżegwibili bħala parti mis-sentenza, imma huma eżegwibili għalihom kif jiġu eżegwiti t-taxxi; u mittaxxi ma tingħatax ipoteka ġudizzjali.*

*Għaldaqstant id-domanda għall-ħlas ta' l-ispejjeż ta' mandat ta' żgumbrament maħruġ mill-Board tal-Kera mhijiex irritwali; u għall-kanonizzazzjoni ta' dawk l-ispejjeż il-kreditur tabilfors irid jirrikorri għat-tribunali ordinarji. Għax dak il-Board jista' jikkanonizza biss l-ispejjeż tal-ġudizzju li jkun quddiemu flimkien mas-sentenza fil-meritu.*

B'avviż quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta l-attur talab il-kundanna tal-konvenut biex iħallas lilu s-somma ta' £2. 10. 2 għal spejjeż ta' mandat ta' żgumbrament maħruġ mill-Board li jirregola l-Kera fit-2 ta' Awissu 1951, u bħala danni. Bl-ispejjeż;

Il-konvenut issolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tat-tribunal ordinarju, li l-Ewwel Qorti (ara l-aħħar konsiderando) interpretat bħala eċċezzjoni li l-attur ma għandux dritt jikkanonizza l-kreditu, għaliex din il-kanonizzazzjoni hija inutili;

B'sentenza tagħha tal-5 ta' April 1952, il-Qorti ta' Isfel laqgħet l-eċċezzjoni, u ċaħdet it-talba ta' l-attur; spejjeż bla taxxa;

L-attur appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka tagħha, u li jiġi deċiż skond it-talba;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Għandha ssir distinzjoni bejn dawk l-ispejjeż li jkunu deċiżi bħala wieħed mill-kapi tad-deċiżjoni u l-ispejjeż susseġwenti ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza. L-ewwel xorta ta' spejjeż huma parti mid-deċiżjoni, eżegwibili ma' l-istess sentenza (meta jkun hemm kundanna għall-ħlas tagħhom), u għalihom tista' tinħareġ l-ipoteka ġudizzjali bħal ma toħroġ għall-meritu kanonizzat, mentri t-tieni xorta ta' spejjeż ma humiex eżegwibili bħala parti mis-sentenza, imma huma eżegwibili għalihom, kif jiġu eżegwiti taxxi, u mit-taxxa tagħhom ma tinħareġx ipoteka ġudizzjali;

Issa, ġie dejjem ritenut illi għat-tieni xorta ta' spejjeż, dak li jippretendi l-ħlas tagħhom fuq taxxa, indipendentement mill-mezzi eżekutivi lilu konċessi, jista' jkollu l-interess li jikkanonizzahom b'sentenza sabiex jipoteka l-kreditu tiegħu ġudizzjali;

Kwindi, id-domanda odjerna ta' l-attur ma hijiex irritwali, għax hu għandu, jew jista' jkollu, l-interess li jikkanonizza l-kreditu li jippretendi, sabiex eventwalment, jekk ikun irid, jiskrivih għall-ipoteka, u għal daqshekk tabilfors irid jirrikorri għat-tribunali ordinarji, u mhux lill-Board, li jista' biss jikkanonizza l-ispejjeż tal-ġudizzju li jkun quddiemu flimkien mas-sentenza fil-meritu. Il-Board f'dan il-każ ma setax qatt jikkomprendi dawn l-ispejjeż fid-deċiż; għaliex il-Board ta żmien lill-konvenut biex jiżgombra, u dan seta' żgombra bla ma jiġu wżati kontra tiegħu mezzi koattivi, bl-ispejjeż konsegwenzjali li l-attur il-lum qiegħed jirreklama;

Hu veru li fl-art. 21 tal-Kap. 109 jingħad illi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Board tmiss lill-Board; u infatti kien il-Board li ħareġ il-mandat ta' l-iżgumbrament f'dan il-każ, u b'hekk ta eżekuzzjoni għad-deċiżjoni tiegħu, u ġiet osservata din id-dispożizzjoni. Imma ma hemm ebda deċiżjoni tal-Board dwar l-ispejjeż ta' l-iżgumbrament koattiv; għax, kif intqal, fil-mument tad-deċiżjoni lanqas seta' jingħad jekk kienx sejjer ikun hemm dawn l-ispejjeż, peress li l-intimat seta' ħareġ minn rajħ bla ma jiġi kompulsat. Jiżdied illi d-deċiżjoni tal-Board, limitata għall-kap ta' l-ispejjeż inerenti mal-meritu tal-kawża, kienet fis-sens li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa, u kwindi l-pont tar-responsabilità għall-ispejjeż tal-proċedura koattiva hu pont li jolterpassa dik id-deċiżjoni, u

għalhekk ma hemmx kwistjoni ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Board f'dan il-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi billi tirrevoka s-sentenza appellata tiċħad l-eċċezzjoni, tiddikjara li l-kawża hija ta' kompetenza tat-tribunal ordinarju adit, u tirrinvija l-proċess lill-Qorti ta' Isfel għat-trattazzjoni u deċiżjoni fil-meritu. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut.